Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 2221/04. B' dan qed navza li rcevejt minghand l-Ufficju Kongunt applikazzjoni LRA 2849/04, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi it-Triq fejn tinsab il-proprjeta' hija San Duminku u mhux San Trofimus;	Il-Gvern ta' Malta		2849/04
Tas-Sliema	*Correction of LRA 2221/04.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2849/04, a correction of the above mentioned application in the sense that the street where the property is situated is San Duminku and not San Trofimus;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 49 fi Triq Tal-Karmnu;	Il-Gvern ta' Malta		2857/04
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 49 in Truiq Tal-Karmnu;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	L-appartament Nru 3 u d-dirett u l-utile dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' l-appartament Nru 3A, formanti parti mill-fond Nru 13A jismu 'Stangrove Court' fi Triq il-Katidral;	John Seychell Navarro	228177M	2879/04
Tas-Sliema	*Apartment No 3 and the temporary direct and utile dominium and the full ownership thereafter of apartment No 3A, forming part of tenement No 13A named 'Stangrove Court' in Triq il-Katidral;*			
Valletta	L-utile dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 4, formanti mill-fond Nru 122 fi Triq San Nikola;	Carmelo Formosa	236833M	2531/04
Valletta	*The perpetual utile dominium of apartment No 4, forming part of tenement No 122 in Triq San Nikola;*			
Valletta	Il-mezzanin bin-numri 18 u 19 fi Triq Sant' Antnin;	Paul Camilleri		2547/04
Valletta	*The first floor tenement at numbers 18 and 19 in Triq Sant' Antnin;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Valletta	L-appartament Nru 1, formanti parti minn blokk Nru 15 fi Triq San Kristofru;	Vincent Camilleri u martu Josephine	771451M 846151M	2575/04
Valletta	*Apartment No 1, forming part of block No 15 in Triq San Kristofru;*			
Valletta	Kwart indiviz tad-dar Nru 57 fi Triq il-Batterija;	Annie Abdilla	758330M	2580/04
Valletta	*One fourth undivided share of house No 57 in Triq il-Batterija;*			
Valletta	Il-hwienet Nri 82 u 83 fi Triq San Pawl; u l-appartament Nru 2, formanti parti mill-blokk Nru 81 fi Triq San Pawl;	Alfred u Lewis, ahwa Arpa	457643M 643549M	2593 u 2594 ta' l-2004
Valletta	*Shops Nos 82 and 83 in Triq San Pawl; and apartment No 2, forming part of block No 81 in Triq San Pawl;*			
Valletta	Il-fond Nru 14 f' Misrah Sant' Iermu;	Alexander Andre' Billerey u martu Sara		2628/04
Valletta	*Tenement No 14 at Misrah Sant' Iermu;*			
Valletta	Il-hanut Nru 47 jismu 'Café tal-Kaptan' fi Triq l-Ifran, kantuniera ma' Triq Santa Lucia;	Philip Amato Gauci	677539M	2632/04
Valletta	*Shop No 47 named 'Café tal-Kaptan' in Triq l-Ifran, corner with Triq Santa Lucia;*			
Valletta	Is-subdirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-blokk bini bin-Nri 44, 45 u 46 fi Triq l-Ifran, kantuniera ma' Triq Santa Lucia;	Philip Amato Gauci et	677539M	2633/04
Valletta	*The temporary subdirect dominium and the full ownership thereafter of the block of buildings at Nos 44, 45 and 46 in Triq l-Ifran, corner with Triq Santa Lucia;*			
Valletta	Bejgh ta' kera ta' gharfien ta' l-appartament Nru 1 / 2 u l-appartament Nru 16, formanti parti mill-fond Nru 111 (illum imwaqqa) fi Triq San Guzepp;	Il-Gvern ta' Malta		2640/04
Valletta	*Purchase of recognition rent of apartment No 1 / 2 and apartment No 16, forming part of tenement No 111 (today demolished) in Triq San Guzepp*	*The Government of Malta*		
Valletta	L-utile dominju temporanju ta' l-appartament Nru 6, formanti mill-fond Nru 43 fi Triq id-Dejqa;	Pauline Busuttil	291549M	2704/04
Valletta	*The temporary utile dominium of apartment No 6, forming part of tenement No 43 in Triq id-Dejqa;*			
Valletta	Il-kmamar Nri 9 u 10, formanti parti mill-fond Nru 22 fi Triq it-Tramuntana;	Joseph Godwin Agius et	29132M	2705/04
Valletta	*Rooms Nos 9 and 10, forming part of tenement No 22 in Triq it-Tramuntana;*			
Valletta	L-ufficju Nru 18 fi Triq San Pawl;	Profs Albert Leone Ganado et	163444M	2727/04
Valletta	*Office No 18 in Triq San Pawl;*			
Valletta	Kwart indiviz ta' l-appartament Nru 6 u s-sehem tieghu mill-komun, formanti parti mill-fond Nru 66 fi Triq it-Teatru l-Qadim;	Denise Preca	247672M	2782/04

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Valletta	*One fourth undivided share of apartment No 6 and its share of the common parts, forming part of tenement No 66 in Triq it-Teatru l-Qadim;*			
Valletta	Nofs indiviz ta' l-appartament Nru 6 u s-sehem tieghu mill-komun, formanti parti mill-fond Nru 66 fi Triq it-Teatru l-Qadim;	Antonia Cremona	231447M	2783/04
Valletta	*One half undivided share of apartment No 6 and its share of the common parts, forming part of tenement No 66 in Triq it-Teatru l-Qadim;*			
Valletta	Kwart indiviz ta' l-appartament Nru 6 u s-sehem tieghu mill-komun, formanti parti mill-fond Nru 66 fi Triq it-Teatru l-Qadim;	Andre Cremona	365574M	2784/04
Valletta	*One fourth undivided share of apartment No 6 and its share of the common parts, forming part of tenement No 66 in Triq it-Teatru l-Qadim;*			
Valletta	Il-fond Nru 15 fi Triq l-Ajkla; u l-fond Nru 165 fi Triq San Duminku;	Dr Damian von Schembri	85295M	2795 u 2796 ta' l-2004
Valletta	*Tenement No 15 in Triq l-Ajkla; and tenement No 165 in Triq San Duminku;*			
Valletta	Il-fondi Nri 59 u 59A fi Triq il-Lvant; il-kmamar Nri 39D u 162D fi Triq San Kristofru; il-fond Nru 121 fi Triq Santa Lucija; il-kamra Nri 30 u 32 fi Triq San Federiku; u l-fond Nru 214 fi Triq San Pawl;	Maria Teresa Deguara Caruana Gatto	548723M	2797, 2799, 2798, 2800, 2801, 2802, 2803 u 2804 ta' l-2004
Valletta	*Tenements Nos 59 and 59A in Triq il-Lvant; rooms Nos 39D and 162D in Triq San Kristofru; tenement No 121 in Triq Santa Lucija; rooms Nos 30 and 32 in Triq San Federiku; and tenement No 214 in Triq San Pawl;*			
Valletta	Il-fond Nru 120 fi Triq ir-Repubblika;	Anthony Bugeja u Albert Farrugia		2816/04
Valletta	*Tenement No 120 in Triq ir-Repubblika;*			
Valletta	Id-dar Nru 42 fi Triq San Nikola;	Gulia D'Emanuele	44322M	2836/04
Valletta	*House No 42 in Triq San Nikola;*			
Valletta	Il-fond Nru 144 fi Triq San Nikola;	Godfrey D'Emanuele	1076244M	2837/04
Valletta	*Tenement No 144 in Triq San Nikola;*			
Valletta	Il-fond Nru 34 fi Triq l-Ifran; l-appartamenti Nri 1, 2, 3 u 4, inkluzi 2/3 ndivizi mill-komun u l-bejt sovrapost proprjeta' ta' terzi, formanti parti mill-fond Nru 45 fi Triq Ordinanza;	Edward u John, ahwa Caruana Galizia		2840 u 2841 ta' l-2004
Valletta	*Tenement No 34 in Triq l-Ifran; apartments Nos 1, 2, 3 and 4, including 2/3 undivided shares of the common parts and the roof overlying third party property, formingpart of tenement No 45 in Triq Ordinanza;*	*Edward and John, brothers Caruana Galizia*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Valletta	Il-hwienet Nri 55 u 56 fi Triq Melita; id-dar Nru 31 fi Triq l-Ifran; u nofs indiviz tal-hanut Nru 46 fi Triq Ordinanza;	Antonia Galea et	37367M	2842, 2843, 2844 u 2845 ta' l-2004
Valletta	*Shops Nos 55 and 56 in Triq Melita; house No 31 in Triq l-Ifran; and one half undivided share of shop No 46 in Triq Ordinanza;*			
Valletta	Il-mezzanin Nru 113 fi Triq ir-Repubblika;	Doris Gove'	16839M	2865/04
Valletta	*The first floor tenement at No 113 in Triq ir-Repubblika;*			
Valletta	Is-subutile dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 2, formanti parti mill-fond Nru 147 fi Triq Santa Lucija;	In-Nutar Joseph Agius u martu Agnes	903951M 423827M	2866/04
Valletta	*The perpetual subutile dominium of apartment No 2, forming part of tenement No 147 in Triq Santa Lucija;*			
Valletta	Id-dar Nru 17, bl-arja taghha, fi Triq Santa Lucija;	Linda Johnson		28930/04
Valletta	*House No 17, with its own airspace, in Triq Santa Lucija;*			
Zejtun	L-art Ta' Tnella tal-kejl ta' 4,250 m.k., fi Triq il-President Anton Buttigieg;	Il-Gvern ta' Malta		2598/04
Zejtun	*The land Ta' Tnella covering an area of 4,250 s.m., in Triq il-President Anton Buttigieg;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Id-dirett dominju perpetwu ta' zewg bicciet art tal-kejl ta' 3,237 m.k., fil-kontrada ta' San Girgor;	Il-Gvern ta' Malta		2641 u 2644 ta' l-2004
Zejtun	*The perpetual direct dominium of two portions of land covering an area of 3,237 s.m.;*	*The Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Direttur, Reġistru ta' l-Artijiet

Is-26 ta' Ottubru, 2004

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Director, Land Registry

26th October, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 106

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi vetturi tas-sewqan ikunu pprojbiti li jgħaddu u jwaqqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Ottubru 2004 mit-3.00 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza San Filippu u Triq Sciortino.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Ottubru 2004 mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Pjazza San Filippu, Triq il-Grazzja u Triq Sciortino.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Ottubru, 2004

POLICE NOTICE

No. 106

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder are prohibited on the dates and times indicated.

Żebbuġ

On Saturday, 30th October 2004, from 3.00 p.m. to midnight through Pjazza San Filippu and Triq Sciortino.

On Sunday, 31st October 2004, from 7.00 a.m. to 2.00 p.m. through Pjazza San Filippu, Triq il-Grazzja and Triq Sciortino.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

26th October, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 68 ta' l-2004

Taħriġ ta' Sparar bl-Artillerija mir-Ranges ta' Pembroke

L-*Air Defence Battery* se tagħmel Taħriġ ta' Sparar bl-Artillerija fir-*Ranges* ta' Pembroke minn nhar it-Tlieta, it-2 ta' Novembru, 2004 sal-Ħamis, l-4 ta' Novembru, 2004.

Il-Ħamis, l-4 ta' Novembru 2004 hija data riservata fil-każ li tithassar xi ġurnata minnhom.

Il-ħinijiet ta' l-isparar se jkunu mill-11.00 a.m. sa l-4.00 p.m., (0900 hours to 1400 hours UTC).

2. It-taħriġ se jsir fil-post fl-inħawi magħluqa mill-pożizzjonijiet li ġejjin:

Minn Pożizzjoni A:

Latitude 35° 56' Tramuntana *Longitude* 14° 29' Lvant u minn hemm fuq *bearing* ta' 335 *True* x 8.5 mili nawtiċi sa:

Pożizzjoni B:

Latitude 36° 03'.70 Tramuntana *Longitude* 14° 24'.60 Lvant u minn hemm fuq ark ta' raġġ ta' ċirku ta' 8.5 mili nawtiċi ċentrat fuq il-pożizzjoni A sa:

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 68 of 2004

Artillery Shoot Exercise from Pembroke Ranges

The Air Defence Battery will be holding an Artillery Shoot Exercise at Pembroke Ranges from Tuesday, 2nd November, 2004 to Thursday, 4th November, 2004.

Thursday, 4th November 2004 is a reserve date in case of cancellation.

Timings of the shoot will be from 11.00 a.m. to 4.00 p.m., (0900 hours to 1400 hours UTC).

2. The exercise will take place in the area enclosed by the following positions:

From Position A:

Latitude 35° 56' North Longitude 14° 29' East thence on a bearing of 335 True x 8.5 nautical miles to:

Position B:

Latitude 36° 03'.70 North Longitude 14° 24'.60 East thence on an arc of a circle radius 8.5 nautical miles centred on position A to:

Pożizzjoni Ċ:

Latitude 36° 00'.25 Tramuntana *Longitude* 14° 38'.00 Lvant *bearing* ta' 240 *True* sa pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu bogħod mill-inħawi ta' l-isparar fid-dati u l-ħinijiet imsemmija u għandhom jobdu l-istruzzjonijiet moghtija mis-*Safety Launches* li jkunu jbaħħru f'dawk l-inħawi u mit-turretta tal-Palazz.

C*harts* effettwati: BA 194, 2538, 2537

Ara Pożizzjoni ta' ED.50 DATUM

Is-26 ta' Ottubru, 2004

Position C:

Latitude 36° 00'.25 North Longitude 14° 38'.00 East thence on a bearing of 240 True to position A.

All vessels must keep well clear of the above firing areas on the dates and times stated and must obey instructions given by Safety Launches patrolling the area and Valletta Port Control.

Chart affected: BA 194, 2538, 2537

Positions Referred to ED.50 DATUM

26th October, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Koordinatur (Monitoraġġ u Koerenza mal-Politika Komunitarja) fl-Awtorità Amministrattiva għall-Programm ta' Fondi Strutturali ta' Malta 2004-2006

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Koordinatur (Monitoraġġ u Koerenza mal-Politika Komunitarja) fl-Awtorità Amministrattiva għall-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala Koordinatur (Monitoraġġ u Koerenza mal-Politika Komunitarja), liema kuntratt jista' jiġġedded għal perijodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Koordinatur (Monitoraġġ u Koerenza mal-Politika Komunitarja) matul il-perjodu tal-kuntratt jew jintemm il-kuntratt jintemm.

3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perijodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha ma' l-Awtorità Amministrattiva kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li ma jiġix imġedded, jew jintemm, il-kuntratt.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perijodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' Koordinatur (Monitoraġġ u Koerenza mal-Politika Komunitarja) fl-Awtorità Amministrattiva u tkun trasferita għal doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm7,888). F'każ li l-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Co-Ordinator (Monitoring and Coherence with Community Policies) in the Managing Authority for Malta's Structural Funds Programme 2004-2006

The Public Service Commission invites applications for the position of Co-ordinator (Monitoring and Coherence with Community Policies) in the Managing Authority for Malta's Structural Funds Programme 2004 - 2006.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as a Co-ordinator (Monitoring and Coherence with Community Policies) in the Managing Authority, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as a Co-ordinator during the contract period will lead to termination of contract.

3. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not an Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Managing Authority as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

4. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Co-ordinator (Monitoring and Coherence with Community Policies) in the Managing Authority and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently Lm7,888). In

persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

6. Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Awtorità Amministrattiva.

7. Is-salarju u l-*performance bonus* marbutin ma' din il-kariga se jkunu ffinanzjati bi sħab mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hi tkun *deployed* mal-Programm biex twettaq id-dmirijiet imniżżla fil-paragrafu 8. Il-perijodu ta' impjieg jew *deployment* jista' jiġi mġedded imma ma jistax jeċċedi d-data finali ta' l-eliġibilità ta' l-infiq kif imniżżel fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tapprova id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni.

8. Il-persuna maħtura bħala Koordinatur (Monitoraġġ u Koerenza mal-Politika Komunitarja), li tkun responsabbli lejn membri oħra anzjani tal-grupp li tkun tagħmel sehem minnu, tkun mistennija primarjament li:-

(a) tikkoordina l-proċedimenti u tieħu miżuri ta' segwitu fuq id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Monitoraġġ fuq livell nazzjonali kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea;

(b) tikkoordina l-proċedimenti u tieħu miżuri ta' segwitu fuq id-deċiżjonijiet tas-Sotto-Kumitati ta' Monitoraġġ Settorali u kumitati oħrajn relatati ma' l-implimentazzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmar;

(ċ) tikkoordina mal-Benefiċjarji Finali, id-Direttorati ta' Affarijiet Ewropej u l-Korpi Intermedjarji fir-rigward ta' Rapporti ta' Implimentazzjoni;

(d) tieħu azzjoni in segwitu għar-Rapporti Staġjonali;

(e) tfassal Rapporti ta' Implimentazzjoni;

(f) tittratta ma' Kumitati ta' Monitoraġġ oħra li jistgħu jiġu stabbiliti minn korpi ta' monitoraġġ oħra fejn l-Awtorità Amministrattiva tista' tiġi mistiedna tipparteċipa;

(ġ) iżomm kontroll kontinwu ta' l-indikatur tal-monitoraġġ

(h) tikkoordina ma' l-Awdituri;

(i) tassigura li l-operati ffinanzjati mill-Fondi Strutturali jikkonformaw mal-politika u azzjonijiet Komunitarji, li jinkludu r-regoli dwar il-kompetizzjoni, dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, dwar il-protezzjoni u tisbiħ ambjentali, u dwar l-eliminazzjoni ta' l-inugwaljanzi u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa;

(j) tikkoordina mal-Ministeri li qed jimplimentaw il-proġetti biex tkun assigurata l-koerenza mal-politika Komunitarja li tissemma' fil-paragrafu 8 (i).

Aktar informazzjoni dwar din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Awtorità Amministrattiva, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

9. L-applikanti għandhom:

the case that the selected applicant is an Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6. A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Head, Managing Authority.

7. The salary and performance bonus attached to this position will be co-financed by the European Regional Development Fund. In the case that the selected applicant is an Officer in the Malta Public Service, he/she will be duly deployed with the Programme to carry out the tasks referred to in paragraph 8. The period of employment or deployment may be renewed but shall not exceed the final date for the eligibility of expenditure laid down in the European Commission's decision approving the Single Programming Document.

8. The Co-ordinator (Monitoring and Coherence with Community Policies) who will report to other senior members of the team will be required to:

(a) co-ordinate the proceedings and take follow up action on the decisions of the Monitoring Committee on a national level and with the European Commission;

(b) co-ordinate the proceedings and take follow up action on the decisions of the Sectoral Monitoring Sub-Committees and other committees related to the implementation of the Single Programming Document;

(c) liaise with the Final Beneficiaries, EU Affairs Directorates and Intermediary Bodies with regard to the Implementation Reports;

(d) follow up Quarterly Reports;

(e) draw up the Implementation Reports;

(f) deal with any other Monitoring Committee that may be established by other monitoring bodies in which the Managing Authority may be asked to participate;

(g) maintain regular checks of the Monitoring indicators;

(h) liaise with the Auditors;

(i) ensure that operations financed by the Structural Funds are in conformity with Community policies and actions, including the rules on competition, on the award of public contracts, on environmental protection and improvement and on the elimination of inequalities and the promotion of equality between men and women;

(j) co-ordinate with Ministries implementing projects to ensure compliance with the Community policies referred to in paragraph 8 (i).

Further details of the job description of the position may be obtained from the Managing Authority, Planning and Priorities Co-ordination Division, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

9. Applicants must be:

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ċittadini ta' xi pajjiż membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università rikonoxxuta għall-għoti ta' *post-graduate degree* fl-iStudji Ewropej, Studji Legali, *Management* jew suġġetti oħra relatati,

JEW

ikollhom Baċellerat fl-iStudji Ewropej, Studji Legali, *Management* jew suġġetti oħra relatati u mill-anqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol f'oqsma relatati;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record (GP 47);* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

10. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Ministeru riċ eventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

11.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

(a) citizens of Malta or of a European Union member state;

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of, or have been approved by a recognised University for the award of, a post-graduate degree in European Studies, Legal Studies, Management or in related subjects,

OR

a first degree in European Studies, Legal Studies, Management or related subjects plus at least (3) three years work experience in a related area;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

10. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by applicants to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

12. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

13. Il-persuna magħżula jkun jrid joqgħou għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hu adattati għal din il-pożizzjoni.

14. Malli jkunu ingaġġati l-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Mangement Code* li qiegħed fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

15. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi korsijiet f'Malta jew barra minn Malta skond kif meħtieġ mill-Kap, Awtorità Amministrattiva.

16. L-applikant magħżul li jsiefer biex jagħmel korsijiet jintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Malta Public Service Management Code*.

17. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Kap, Awtorità Amministrattiva, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, CMR 02 sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 19 ta' Novembru 2004.

18. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand il-Kap, Awtorità Amministrattiva, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

19. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Awtorità Amministrattiva mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* ta' l-Awtorità Amministrattiva huwa +356 21255028).

20. (a) Applikazzjonijiet li jitwasslu bl-idejn jiġu rikonoxxuti bil-miktub mill-Kap, Awtorità Amministrattiva, u tingħata wkoll riċevuta minnufih.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mill-Kap, Awtorità Amministrattiva.

12. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

13. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

14. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:-http://www.mpo.gov.mt.

15. The selected applicant may be required to attend courses in Malta or abroad as determined by the Head, Managing Authority.

16. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Malta Public Service Management Code.

17. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Head, Managing Authority, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, CMR 02 by not later than noon of Friday, 19th November 2004.

18. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Head, Managing Authority, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, CMR 02.

19. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Managing Authority by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Managing Authority is +356 21255028).

20. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head, Managing Authority and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head, Managing Authority, within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Koordinatur (Kontroll Finanzjarju) fl-Awtorità Amministrattiva għall-Programm ta' Fondi Strutturali ta' Malta 2004 – 2006

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Koordinatur (Kontroll Finanzjarju) fl-Awtorità Amministrattiva għall-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004 – 2006.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala Koordinatur (Kontroll Finanzjarju), liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Koordinatur (Kontroll Finanzjarju) matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha ma' l-Awtorità Amministrattiva kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' Koordinatur (Kontroll Finanzjarju) fl-Awtorità Amministrattiva u tkun trasferita għal doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

6. Jista' jitħallas Performance Bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoi tal-Kap ta' l-Awtorità Amministrattiva.

7. Is-salarju u l-*performance bonus* marbutin ma' din il-kariga se jkunu ffinanzjati bi sħab mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hi tkun *deployed* mal-Programm biex twettaq id-dmirijiet imniżżla fil-paragrafu 8. Il-perijodu ta' impjieg jew *secondment* jista' jiġi mġedded imma ma jistax jeċċedi d-dati finali ta' l-eliġibilità ta' l-infiq kif imniżżel fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tapprova d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Co-Ordinator (Financial Control) in the Managing Authority for Malta's Structural Funds Programme 2004 – 2006

The Public Service Commission invites applications for the position of Co-ordinator (Financial Control) in the Managing Authority for Malta's Structural Funds Programme 2004 - 2006.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Co-ordinator (Financial Control) in the Managing Authority, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Co-ordinator (Financial Control) during the contract period will lead to termination of contract.

3. If the selected candidate is an officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a public officer, his/her service with the Managing Authority as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that hiscċher contract is not renewed or is terminated.

4. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Co-ordinator (Financial Control) in the Managing Authority and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently Lm7,888). In the case that the selected applicant is an Officer in the Malta Public Officer, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6. A Performance Bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Head, Managing Authority.

7. The salary and performance bonus attached to this position will be co-financed by the European Regional Development Fund. In the case that the selected applicant is an Officer in the Malta Public Service, he/she will be duly deployed at the Programme to carry out the tasks referred to in paragraph 8. The period of employment or deployment may be renewed but shall not exceed the final date for the eligibility of expenditure laid down in the European Commission's decision approving the Single Programming Document.

8. Il-persuna maħtura bħala Koordinatur (Kontroll Finanzjarju), li tkun responsabbli lejn membri oħra anzjani tal-grupp li tkun tagħmel sehem minnu, tkun mistennija primarjament li:

(a) tassigura li l-Fondi Strutturali ta' l-Unjoni Ewropea jkunu mmexxija skond ir-regoli applikabbli tal-Komunità u wżati skond il-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju tajjeb;

(b) tassigura li d-dokumenti xierqa ta' l-Awtorità Amministrattiva, il-Korpi Intermedjarji u l-Benefiċjarji Finali jkunu miżmuma skond ir-Regolamenti applikabbli;

(ċ) tipprevjeni irregularitajiet, tinduna bihom u tikkoreġihom waqt li tinnotifika l-Kummissjoni Ewropea kif jeħtieġu r-regoli;

(d) iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea infurmata bil-progress ta' proċedimenti amministrattivi u legali relatati ma' irregularitajiet;

(e) tikkordina ma' l-Unjoni Ewropea dwar pjanijiet, metodi u implimentazzjoni ta' kontrolli;

(f) issegwi kwistjonijiet relatati ma' rapporti ta' verifika;

(ġ) twettaq xogħol ta' koordinament ma' l-istituzzjonijiet ta' Verifika u Kontroll Finanzjarju;

(ħ) twettaq kontrolli fuq il-post skond Artiklu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) 438/2001;

(i) tikkoordina l-kummenti b'risposta għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar xi irregularitajiet li nstabu;

(j) tikkoordina l-miżuri korrettivi biex jittrangaw nuqqasijiet li nstabu u jiġu kkoreġuti dawk l-irregolaritajiet misjuba.

Aktar informazzjoni dwar din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Awtorità Amministrattiva, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

9. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ċittadini ta' xi pajjiż membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

8. The Co-ordinator (Financial Control) who will report to other senior members of the team will be required to:

(a) ensure that EU Structural Funds are managed in accordance with all the applicable Community rules and used in accordance with the principles of sound financial management;

(b) ensure that appropriate records at the Managing Authority, the Intermediate Bodies and the Final Beneficiaries are retained in accordance with the applicable Regulations;

(c) prevent, detect and correct irregularities, notifying these to the Commission in accordance with the rules;

(d) keep the European Commission informed of the progress of administrative and legal proceedings relating to irregularities;

(e) co-ordinate with the European Commission with regard to plans, methods and implementation of checks;

(f) follow up issues related to Audit Reports;

(g) carry out co-ordination work with Audit and Financial Control institutions;

(h) conduct on-the-spot checks in terms of Article 4 of Council Regulation (EC) 438/2001;

(i) co-ordinate the comments in response to observations by the European Commission regarding any irregularities detected;

(j) co-ordinate the corrective measures to remedy the management shortcomings found and correct those irregularities detected.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Managing Authority, Planning and Priorities Co-ordination Division, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

9. Applicants must be:

(a) citizens of Malta or of a European Union member state;

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(ċ) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università rikonoxxuta għall-għoti ta' *post-graduate degree* fil-*Management, Business Studies* jew f'suġġetti relatati;

JEW

ikollhom Baċellerat fil-*Management Studies, Business Studies* jew f'suġġetti relatati u mill-anqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol f'oqsma relatati;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji).

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Bord ta' għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

11.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

12. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

(c) in possession of, or have been approved by a recognised University for the award of, a post-graduate degree in Management, Business Studies or related subjects,

OR

a first degree in Management, Business Studies or related subjects plus at least (3) three years work experience in a related area;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

12. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

13. Il-persuna magħżula jkun jrid joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hu adattati għal din il-pożizzjoni.

14. Malli jkunu ingaġġati l-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Mangement Code* li qiegħed fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

15. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi korsijiet f'Malta jew barra minn Malta skond kif meħtieġ mill-Kap, Awtorità Amministrattiva.

16. Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel korsijiet tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Malta Public Service Management Code*.

17. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Kap, Awtorità Amministrattiva, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, CMR 02 sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 19 ta' Novembru 2004.

18. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand il-Kap, Awtorità Amministrattiva, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

19. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Awtorità Amministrattiva mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* ta' l-Awtorità Amministrattiva huwa +356 21255028).

20. (a) Applikazzjonijiet li jitwasslu bl-idejn jiġu rikonoxxuti bil-miktub mill-Kap, Awtorità Amministrattiva, u tingħata wkollirċevuta minnufih.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mill-Kap, Awtorità Amministrattiva.

Is-26 ta' Ottubru, 2004

13. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

14. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt

15. The selected applicant may be required to attend courses in Malta or abroad as determined by the Head, Managing Authority.

16. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Malta Public Service Management Code.

17. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Head, Managing Authority, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 19th November 2004.

18. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Head, Managing Authority, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02.

19. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Managing Authority by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Managing Authority is +356 2125 5028).

20. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head, Managing Authority and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head, Managing Authority, within seven (7) days.

26th October, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Compliance and Assurance Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Compliance and Assurance Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Compliance and Assurance Officer* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna tiħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġix offrut tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa Lm7,888 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, tiħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Il-*Compliance and Assurance Officer* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent skond it-termini tar-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Nru. 163/1995 u l-emendi sussegwenti jkun meħtieġ li jwettaq:

(a) Il-qadi ta' dmirijiet skond il-*European Agricultural*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Compliance and Assurance Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Compliance and Assurance Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Compliance and Assurance Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Compliance and Assurance Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not an Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish his/her duties of Compliance and Assurance Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently Lm7,888 per annum). In the case that the selected applicant is an Officer in the Malta Public Service the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of hisċher substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The Compliance and Assurance Officer within the Paying Agency of the Ministry for Rural Affairs and the Environment in terms of Commission Regulation (EC) No. 1663/1995 and subsequent amendments will be required to:

(a) Carry out duties in relation to the European Agricultural

Guidance and Cohesion Fund, Guarantee/Guidance Regulation fil-livelli kollha ta' kontrolli għal proġetti koffinanzjati mill-Istrumenti Strutturali *(Structural Funds u Cohesion Fund)* skond Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 438/2001 u Artiklu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1386/2002 speċjalment fejn jidħlu talbiet u proġetti ffinanzjati mill-*European Agricultural Guidance and Cohesion Fund* skond ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru. 1258/1999 u l-emendi sussegwenti. Dawn id-dmirijiet ikopru proġetti implimentati minn Ministeri/organizzazzjonijiet oħra;

Guidance and Guarantee Fund, Guarantee/Guidance Regulation to all levels of controls for projects co-financed by the Structural Instruments (Structural Funds and Cohesion Fund) in terms of Article 10 of Council Regulation (EC) 438/2001 and Article 9 of Council Regulation (EC) 1386/2002 and in particular for claims and projects financed and co-financed by the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund in terms of Council Regulation (EC) No 1258/1999 and subsequent amendments. These duties will cover projects being implemented by other Ministries/organisations;

(b) Jagħmel eżami tas-sistemi ta' żamma tal-kotba u kontrolli interni oħrajn permezz ta' testijiet u għodda ta' stħarriġ adegwati;

(b) Review of accounting and other internal control systems by means of adequate tests and examination tools;

(ċ) Joffri appoġġ fid-disinn ta' sistemi ta' kontroll interni, jimmonitorja l-operat tagħhom, u jirrikkmanda t-titjib tagħhom;

(c) Support in the design of the internal control systems, monitoring their operation and recommending improvements thereto;

(d) Jeżamina informazzjoni finanzjarja u operattiva: dan jista' jinkludi eżami tal-mezzi użati biex tiġi identifikata, mkejla, kklassifikata u rrapportata din l-informazzjoni kif ukoll stħarriġ speċifiku ta' oġġetti individwali li jinkludi ttestjar dettaljat ta' transazzjonijiet, bilanċi u proċeduri;

(d) Examination of financial and operating information: this may include review of the means used to identify, measure, classify and report such information and specific enquiry into individual items including detailed testing of transactions, balances and procedures;

(e) Jagħmel eżami ta' l-ekonomija, l-effiċjenza, l-effikaċja u s-sostenibbiltà ta' l-operazzjonijiet li jinkludi kontrolli mhux finanzjari użati fil-ministeru/dipartiment/aġenzija;

(e) Review of the economy, efficiency, effectiveness and sustainability of operations including non-financial controls employed within the ministry/department/agency;

(f) Jagħmel eżami ta' konformità ma' liġijiet, ma' regolamenti, u ma' kondizzjonijiet esterni oħra meħtieġa u ma' politika u direttivi interni kif ukoll kundizzjonijiet oħra meħtieġa li jinkludu awtorizzazzjoni xierqa ta' transazzjonijiet

(f) Review of the compliance with laws, regulations and other external requirements and with internal policies and directives and other requirements including appropriate authorisation of transactions;

(g) Ikun responsabbli għal analiżi speċjali (li jinkludu kull kontroll fuq il-post jew spezzjonijiet li jkun hemm bżonn) u inkarigi f'oqsma partikulari, li jinkludu żbalji ta' *management* u irregularitajiet oħra, li jistgħu jinqalgħu kemm minn inkarigu dwar konformità u assigurazzjoni kif ukoll indipendentement mix-xogħol ta' l-uffiċjal;

(g) Undertake special reviews (including any required on-the-spot checks and inspections) and assignments into particular areas, including management errors and other irregularities, which could arise both from a planned compliance and assurance assignment as well as independently from the officer's work;

(h) Ikun il-kuntatt prinċipali għal-livelli kollha ta' *management* u li huma suġġetti għax-xogħol ta' konformità u assigurazzjoni li jkun qiegħed isir;

(h) Be the main contact with all management levels subject of the compliance and assurance work being undertaken;

(i) Jikkompila r-rapporti relevanti għal analiżi biex isiru iktar 'l quddiem u jassigura li sussegwentement tittieħed azzjoni adegwata mill-*management*;

(i) Compile the relevant reports for later review and ensure that subsequent adequate action is being taken by management;

(j) Jagħti bidu għal azzjonijiet u jifformula abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet lill-kap tal-ministeru/dipartiment/aġenzija kkonċernata u lill-Aġenzija ta' Awditjar u Investigazzjonijiet Interni (IAID) dwar l-iżvilupp ta' proċeduri ġodda/riveduti li jkunu meħtieġa, u li jsegwu minn

(j) Initiate action and formulate draft recommendations to the head of the ministry/department/agency concerned and the Internal Audit and Investigations Directorate (IAID) for the development of new/revised procedures, that would be required, following practical experiences gained during the

esperjenzi akkwistati matul xi inkarigu jew eżerċizzju ta' konformità jew assigurazzjoni;

(k) Fejn ikun hemm bżonn, jaġixxi bħala intermedjarju bejn l-IAID u kull uffiċjal ta' konformità u assigurazzjoni approvat mill-IAID biex tkun assigurata armonizzazzjoni effettiva bejn trattamenti u metodoloġiji fit-twassil ta' l-oġġettivi komuni tagħhom;

(l) Jiżviluppa programmi ta' konformità u assigurazzjoni u inkarigi speċifiċi wara proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni dettaljat mal-kap tal-ministeru/dipartiment/aġenzija konċernata u l-IAID.

(m) Jżomm ruħu aġġornat dwar regoli u prattiċi internazzjonali, kemm dawk kurrenti kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw, fis-suġġett ta' speċjalizzazzjoni tiegħu, b'hekk jassigura li twettiq tas-servizz tiegħu isir b'mod effiċjenti u effettiv, kif ukoll skond prinċipji li huma aċċettati ġeneralment.

(n) Jipprepara rapporti ta' kull tliet xhur lill-kap tal-ministeru/dipartiment/aġenzija fuq ix-xogħol tal-*unit* li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha;

(o) L-analiżżar u l-iċċekkjar ta' l-istruzzjonijiet kollha u dokumenti oħra biex tiġi stabbilita l-konformità tal-proċeduri ma' l-elementi rikjesti mir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea u fuq il-bażi ta' l-*Internal Audit Plan,* liema pjan għandu jkun *updated* kontinwament skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea;

(p) Eżaminar ta' l-iffunzjonar tajjeb tas-sistemi ta' kontroll u spezzjonijiet billi tiġi riveduta l-informazzjoni eżistenti u l-azzjoni meħuda mis-servizz ċentrali tal-*Paying Agency*; iċċekkjar ta' l-eżattezza ta' l-informazzjni mogħtija mis-servizzi u uffiċċji lokali kif ukoll żjarat lil dawn is-servizzi u uffiċċji (jekk u meta meħtieġ); il-verifika ta' kontrolli fuq il-post permezz ta' l-analiżżar u t-tqabbil tar-rapporti ta' spezzjonijiet mar-riżultati u akkumpanjar lill-kontrolluri meta dawn ikunu qegħdin iwettqu l-ispezzjonijiet tagħhom;

(q) Tħejjija ta' *audit reports* dwar l-iċċekkjar kollu li jkun sar biex dawn jiġu mgħoddija direttament lil *Manager* tal-*Paying Agency* u l-iċċekkjar kollu kif mitlub miċ-Ċirkularijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn jidħlu ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-*Paying Agency;*

(r) L-assigurazzjoni li s-sistema tal-kontroll intern ta' l-aġenzija titħaddem b'mod effettiv u li din tiggarantixxi wkoll indipendenza kompleta mid-dipartimenti l-oħra ta' l-aġenzija li jirrappurtaw direttament lit-*top management* ta' l-aġenzija.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

course of an assignment or compliance and assurance exercise;

(k) Liaise, as necessary, with the IAID and any other IAID-defined compliance and assurance officer, to ensure effective harmonization of approaches and methodologies in the common delivery of their objectives;

(l) Develop specific compliance and assurance programmes and assignments after a detailed consultation and discussion process with the head of the ministry/department/agency concerned and the IAID;

(m) Keep abreast of current and evolving international rules and practices in their specialised area of compliance and assurance responsibilities, thus ensuring that the delivery of their service is functioning both efficiently and effectively, also in accordance with generally accepted principles;

(n) Prepare quarterly reports to the head of the ministry/department/agency on the workings;

(o) Analyse and check all instructions and other documents in order to establish the conformity of procedures with the elements requested by EU regulations and on the basis of the Internal Audit Plan, which has to be continuously updated according to EU requirements;

(p) Examine the proper functioning of the control and inspection systems by reviewing the information available and the action carried out by the central service of the Paying Agency; check the correctness of the information communicated by regional or local services/offices also by visiting these bodies (if and when required); verify the quality of on-the-spot controls by analysing and comparing inspection reports and results and accompanying controllers while they are carrying out their own inspections;

(q) Audit report of all checks carried out to be drafted and delivered directly to the Manager of the Paying Agency and to carry out also all checks established by internal Circulars of the Ministry for Rural Affairs and the Environment regarding the Paying Agency matters;

(r) Ensure that the agency's system of internal control operates effectively and shall also guarantee complete independence from the agency's other departments reporting directly to the agency's top management.

5.1 Applicants must:-

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom *Honours Degree* fl-*Accountancy* minn Università rikonoxxuta,

jew

ikollhom kwalifika professjonali mogħtija mill-*Malta Institute of Accountants (MIA),* l-*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)* jew l-*Institute of Internal Auditors (IIA)* jew kwalifika oħra xierqa komparabbli.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li għandhom esperjenza fl-*accountancy/internal audit;* ikunu jafu jikkomunikaw kif ukoll jużaw b'mod eċċellenti il-lingwa Ingliża.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tagħmel taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

8. Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel taħriġ tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti kif imniżżel fil-*Malta Public Service Management Code*.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(c) be in possession of an Honours degree in Accountancy awarded by a recognised University,

or

be in possession of a professional qualification awarded by the Malta Institute of Accountants (MIA), the Association of Chartered Certified Accountants (ACCA), or the Institute of Internal Auditors (IIA), or an appropriate comparable qualification.

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47), those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who have experience in accountancy/internal audit; excellent communication skills and command of the English Language.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to NCPD.

7. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

8. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

9. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer sikwit fuq xogħol.

10. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

12.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

12.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esibiti fuq in-notice board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10)ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

13. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

14. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* billi jidħol fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

15. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, (Taqsima tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Novembru, 2004.

16. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A.Vassalli, Valletta.

17. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-

9. The selected applicant must be willing to travel frequently aboard.

10. The candidate will generally be expected to work on a 40 hour week basis, although exigencies of the position will require working additional irregular hours.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

12.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of result.

13. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

14. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

15. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, (Human Resources Section), Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 19th November 2004.

16. Application forms may be downloaded from the following *websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, (Human Resources Section), Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

17. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The application form duly signed by the applicant must reach the Director of

applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa 0356 21224944).

18. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Is-26 ta' Ottubru, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tlett snin bħala *Compliance and Assurance Officer* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perijodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Compliance and Assurance Officer* matul il-perijodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Compliance and Assurance Officer* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-

18. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

26th October, 2004

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Compliance and Assurance Officer in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Compliance and Assurance Officer in the Office of the Prime Minister.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Compliance and Assurance Officer in the Office of the Prime Minister, which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Compliance and Assurance Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

3. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not an Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Office of the Prime Minister as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

4. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish his/her duties of Compliance and Assurance Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term

ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa Lm7,888 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Compliance and Assurance Officer* jinkludu li:

a) Jwettaq doveri relatati mat-tieni livell ta' kontroll għal proġetti ko-finanzjati mill-Istrumenti Strutturali (Fondi Strutturali u l-Fond għall-Koeżjoni) f'termini ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 438/2001 u Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1386/2002. Dawn id-doveri jkopru proġetti li jkunu qed jiġu implimentati minn Ministeri/organizzazzjonijiet oħra.

b) Jagħmel eżami tas-sistemi ta' żamma tal-kotba u kontrolli interni oħrajn permezz ta' testijiet u għodda ta' stħarriġ adekwati;

ċ) Joffri appoġġ fid-disinn ta' sistemi ta' kontroll interni, jimmonitorja l-operat tagħhom, u jirrikmanda t-titjib tagħhhom;

d) Jeżamina informazzjoni finanzjarja u operattiva: dan jista' jinkludi eżami tal-mezzi użati biex tiġi identifikata, imkejla, kklassifikata u rrapportata din l-informazzjoni kif ukoll stħarriġ speċifiku ta' oġġetti individwali li jinkludi ttestjar dettaljat ta' transazzjonijiet, bilanċi u proċeduri;

e) Jagħmel eżami ta' l-ekonomija, l-effiċjenza, l-effikaċja u s-sostenibbiltà ta' l-operazzjonijiet li jinkludi kontrolli mhux finanzjarji użati fil-ministeru/dipartiment/aġenzija;

f) Jagħmel eżami ta' konformità ma' liġijiet, ma' regolamenti, u ma' kundizzjonijiet esterni oħra meħtieġa u ma' politika u direttivi interni kif ukoll kundizzjonijiet oħra meħtieġa li jinkludu awtorizzazzjoni xierqa ta' transazzjonijiet;

g) Ikun responsabbli għall-analiżi speċjali (li jinkludu kull kontroll fuq il-post jew spezzjonijiet li jkun hemm bżonn) u inkarigi f'oqsma partikulari, li jinkludu żbalji ta' *management* u irregolaritajiet oħra, li jistgħu jinqalgħu kemm minn inkarigu dwar konformità u assigurazzjoni kif ukoll indipendentement mix-xogħol ta' l-uffiċjal;

h) Ikun il-kuntatt prinċipali għal-livelli kollha ta' *management* u li huma suġġetti tax-xogħol ta' konformità u

of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently Lm7,888 per annum). In the case that the selected applicant is an Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6. The duties of Compliance and Assurance Officer include the following:-

a) Carry out duties in relation to the second level of control for projects co-financed by the Structural Instruments (Structural Funds and Cohesion Fund) in terms of Article 10 of Council Regulation (EC) 438/2001 and Article 9 of Council Regulation (EC) 1386/2002. These duties will cover projects being implemented by other Ministries/organisations.

b) Review of accounting and other internal control systems by means of adequate tests and examination tools;

c) Support in the design of the internal control systems, monitoring their operation and recommending improvements thereto;

d) Examination of financial and operating information: this may include review of the means used to identify, measure, classify and report such information and specific enquiry into individual items including detailed testing of transactions, balances and proceduresġ

e) Review of the economy, efficiency, effectiveness and sustainability of operations including non-financial controls employed within the ministry/department/agency;

f) Review of the compliance with laws, regulations and other external requirements and with internal policies and directives and other requirements including appropriate authorisation of transactions;

g) Undertake special reviews (including any required on-the-spot checks and inspections) and assignments into particular areas, including management errors and other irregularities, which could arise both from a planned compliance and assurance assignment as well as independently from the officer's work;

h) Be the main contact with all management levels subject of the compliance and assurance work being undertaken;

assigurazzjoni li jkun qiegħed isir;

i) Jikkompila r-rapporti relevanti għal analiżi biex isiru iktar 'il quddiem u jassigura li sussegwentement tittieħed azzjoni adekwata mill-*management;*

j) Jagħti bidu għal azzjonijiet u jifformula abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet lill-kap tal-ministeru/dipartiment/aġenzija kkonċernata u lill-Aġenzija ta' Awditjar u Investigazzjonijiet Interna (IAID) dwar l-iżvilupp ta' proċeduri ġodda/reveduti li jkunu meħtieġa, u li jsegwu minn esperjenzi akkwistati matul xi inkarigu jew eżerċizzju ta' konformità jew assigurazzjoni;

k) Fejn ikun hemm bżonn, jaġixxi bħala intermedjarju bejn l-IAID u kull uffiċjal ta' konformità u assigurazzjoni approvat mill-IAID biex tkun assigurata armonizzazzjoni effettiva bejn trattamenti u metodoloġiji fit-twassil ta' l-oġġettivi komuni tagħhom;

l) Jiżviluppa programmi ta' konformità u assigurazzjoni u inkarigi speċifiċi wara proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni dettaljata mal-kap tal-ministeru/dipartiment/aġenzija konċernata u l-IAID.

m) Iżomm ruħu aġġornat dwar regoli u prattiċi internazzjonali, kemm dawk kurrenti kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw, fis-suġġett ta' speċjalizzazzjoni tiegħu, b'hekk jassigura li twettiq tas-servizz tiegħu isir b'mod effiċjenti u effettiv, kif ukoll skond prinċipji li huma aċċettati ġeneralment.;

n) Jipprepara rapporti ta' kull tliet xhur lill-kap tal-ministeru/dipartiment/aġenzija fuq ix-xogħol tal-*unit* li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha.

7. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(ċ) ikollhom *Honours Degree* fl-*Accountancy* minn Università rikonoxxuta;

jew

ikollhom kwalifika professjonali mogħtija mill-*Malta Institute of Accountants (MIA),* l-*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)* jew l-*Institute of Internal Auditors (IIA)* jew kwalifika oħra xierqa komparabbli.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà

i) Compile the relevant reports for later review and ensure that subsequent adequate action is being taken by management;

j) Initiate action and formulate draft recommendations to the head of the ministry/department/agency concerned and the Internal Audit and Investigations Directorate (IAID) for the development of new/revised procedures, that would be required, following practical experiences gained during the course of an assignment or compliance and assurance exercise;

k) Liaise, as necessary, with the IAID and any other IAID-defined compliance and assurance officer, to ensure effective harmonization of approaches and methodologies in the common delivery of their objectives;

l) Develop specific compliance and assurance programmes and assignments after a detailed consultation and discussion process with the head of the ministry/department/agency concerned and the IAID;

m) Keep abreast of current and evolving international rules and practices in their specialised area of compliance and assurance responsibilities, thus ensuring that the delivery of their service is functioning both efficiently and effectively, also in accordance with generally accepted principles;

n) Prepare quarterly reports to the head of the ministry/department/agency on the workings of the unit falling under his/her responsibility.

7. Applicants must:-

a) be citizens of Malta or of a European Union member state;

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of an Honours Degree in Accountancy awarded by a recognised University;

OR

be in possession of a professional qualification awarded by the Malta Institute of Accountants (MIA), the Association of Chartered Certified Accountants (ACCA), or the Institute of Internal Auditors (IIA), or an appropriate comparable qualification.

d) of good moral character (applicants who are already in

impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form (GP 47);* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu dettalji).

8. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li għandhom esperjenza fl-*accountancy/internal audit;* ikunu jafu jikkomunikaw kif ukoll jużaw b'mod eċċellenti l-lingwa Ingliża.

9. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tagħmel taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

11. Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel taħriġ tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti kif imniżżel fil-*Malta Public Service Management Code*.

12. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer sikwit fuq xogħol.

13. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

14. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew biex jiġu vverifikati waqt l-intervista).

15. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8. Due consideration will be given to candidates who have experience in accountancy/internal audit; excellent communication skills and command of the English Language.

9. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be presented by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to addressed to the receiving Ministry and copied to NCPD.

10. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

11. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

12. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

13. The candidate will generally be expected to work on a 40 hour week basis, although exigencies of the position will require working additional irregular hours.

14. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

15. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

16. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esibiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

17. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

18. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li m'humiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code,* li tinsab fuq il-*website* ta' l-*MPO* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

19. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* dettaljat li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, id-19 ta' Novembru 2004.

20. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa (+356) 21 243453).

22. (a) Tingħata rċevuta minnufih mis-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

